

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/149**tat-3 ta' Frar 2022****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 ⁽²⁾ jimplimenta l-iffriżar tal-assi skont id-Deċiżjoni 2011/72/PESK kontra ċerti persuni u entitajiet li ġew identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Tuneżin.
- (2) Fit-3 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/154 ⁽³⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK fir-rigward tal-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jkomplu jiġu ffriżati l-fondi ta' persuna mejta..
- (3) Dik l-emenda taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 101/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 101/2011 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 2a

Fil-każ ta' mewt ta' persuna elenkata fl-Anness I:

- (a) meta tkun ingħatat kundanna kriminali għal miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat kontra dik il-persuna qabel il-mewt tagħha, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom ikomplu jiġu ffriżati sakemm l-ordnijiet tal-qorti għall-irkupru tal-fondi tal-Istat miżapproprjati u l-ħlas ta' multi jkunu ġew eżegwiti;

⁽¹⁾ ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU L 31, 5.2.2011, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/154 tat-3 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ara paġna 2022/154 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(b) meta ma tkun ingħatat l-ebda kundanna kriminali bħal din kontra dik il-persuna qabel il-mewt tagħha, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom ikomplu jiġu ffriżati għal perijodu ta' żmien raġonevoli, soġġett għall-Artikolu 12(5). Jekk azzjoni ċivili jew amministrattiva għall-irkupru ta' fondi tal-Istat miżapproprjati titressaq f'dak il-perijodu, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom jibqgħu ffriżati sakemm tali azzjoni tiġi miċħuda jew, jekk tintlaqa', sakemm tiġi eżegwita l-ordni tal-qorti għall-irkupru tal-fondi miżapproprjati.”;

(2) fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Il-Kunsill għandu jemenda l-lista fl-Anness I kif meħtieġ ladarba jstabbilixxi li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2a għaż-żamma tal-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lill-persuna mejta jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha m'għadhomx jiġu ssodisfati.’

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN